MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 236/2002/1

**Maria Tabone u Nathalie Dowdall ahwa Schembri**

**v.**

**Joseph Schembri u Georgina Alexander Schembri, mart l-istess Joseph Schembri, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1.1 Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u li minnha gie interpost ukoll appell incidentali min-naha tal-atturi.
1.2 L-appell tal-konvenuti huwa intiz sabiex igib ir-revoka ta' dak kollu li gie deciz mill-Qorti tal-ewwel grad, filwaqt li l-appell incidentali tal-atturi huwa cirkoskritt ghal talba wahda ta' riforma kwantu ghal dik il-parti tas-sentenza relattiva ghall-interessi dovuti fuq is-sorte.

1.3 Ghal intendiment ahjar ta' dana l-appell, ikun utli li tigi riportata *in toto* s-sentenza appellata li fiha gie ritenut u deciz hekk:

"Il-Qorti,

**"A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

"Illi in forza ta' kuntratt datat l-ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (20/11/1999) (Dok A), in atti Nutar Dottor Carmel Mangion, l-atturi u l-konvenut Joseph Schembri, zewg il-konvenuta Georgina Alexander Schembri, flimkien ma' ommhom Annetta Schembri u huthom l-ohrajn George Schembri, u Maria Dolores Godfrey, kienu bieghu, assenjaw u ttrasferew lis-Socjeta` A.M.E. Limited hdax-il parti minn tnax-il parti ($^{11}/_{12}$) indivizi (a) ta' porzjon ta' art tal-kejl ta' cirka hamest itmiem ekwivalenti ghal hamest elef, sitt mija u hamsa u disghin metri kwadri (5,695 m.k.), libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha, u hielsa mill-gabillott, u minn kwalsiasi drittijiet a favur terzi, formanti parti mill-ghalqa maghrufa tal-Gurgier, sive tal-Papa, fil-limiti ta' Birzebbugia, b'access ghaliha minn Sqaq Gurgier, tmiss mil-Lbic ma' beni tal-Katidral ta' Malta in parti, u in parti ma' beni ta' Giuseppi Farrugia, jew l-aventi kawza minnu, mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku bla isem, maghruf Sqaq Gurgier in parti, u in parti ma' porzjon ohra mill-istess ghalqa, deskritta aktar l'isfel, u mix-Xlokk ma' beni tal-Katidral ta' Malta jew l-aventi kawza minnu; u d-dirett dominju temporanju u cens annwu temporanju relattiv ta'

zewg Liri Maltin (Lm2) ghaz-zmien li fadal minn disgha u disghajn (99) sena li bdew jiddekorru mill-hmistax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (15.08.1999), sussegwenti piena u assoluta proprjeta`, libera u franka, ta' porzjon ta' art mill-istess ghalqa tal-Papa, sive tal-Gurgier, f'Birzebbugia, tal-kejl ta' cirka erbat ijiem (4T), ekwivalenti ghal erbat elef, hames mija u sitta u hamsin metri kwadri (4,556 m.k.), u tikkonfina mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku bla isem, maghruf Sqaq Gurgier, mil-Lbic u mill-Punent mal-porzjon l-ohra tal-ghalqa tal-Gurgier, deskritta fl-ittra (a) fuq, u dana versu l-prezz ta' mitejn u hamsa u sebghin elf Lira Maltija (Lm275,000) li minnhom mitt elf Lira Maltija (Lm100,000) thallsu in akkont fuq il-kuntratt, u l-bilanc ta' mija u hamsa u sebghin elf Lira Maltija (Lm175,000) kellhom jithallsu sa l-ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn (20/11/2000);

"Illi s-socjeta` kompratrici kienet hallset lill-vendituri s-somma ntiera ta' mitejn u hamsa u sebghin elf Lira Maltija (Lm275,000) ghas-saldu entro z-zmien miftiehem;

"Illi in segwitu l-atturi kienu saru jafu li l-konvenut Joseph Schembri kien ircieva ad insaputa u a skapitu taghhom u tal-vendituri l-ohra s-somma ta' mitt elf Lira Maltija (Lm100,000) minghand is-socjeta` kompratrici u dana oltre l-prezz miftiehem u mhallas minnha skond l-istess kuntratt;

"Illi ghalhekk l-atturi kienu intitolati li jircievu sehemhom ta' erbghin elf Lira Maltija (Lm40,000), u cioe` s-somma ta' ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) kull wahda minnhom, mis-somma ta' mitt elf Lira Maltija (Lm100,000) li l-konvenut kien ircieva oltre l-prezz indikat u miftiehem skond il-kuntratt Dok A u ad insaputa u a skapitu ta' l-atturi;

"Illi oltre hekk fil-qsim bejn il-vendituri tal-flus imhallsa fuq il-kuntratt imsemmi ta' l-20 ta' Novembru 1999 kienet saret kalkolazzjoni matematika zbaljata, u l-atturi gew li rcevew is-somma ta' tmint elef, tliet mija u wiehed u tletin Lira Maltija u erbgha u sittin centezmi (Lm8,331.64c), u cioe` erbat elef mija u hamsa u sittin Lira Maltija u tnejn u

tmenin centezmi (Lm4,165.82c) kull wahda minnhom, anqas milli suppost ircevew skond il-ftehim, u liema flejjes marru a vantagg tal-konvenut.

"Illi l-konvenut interpellat biex ihallas il-flejjes li ghalihom l-atturi huma ntitolati huwa baqa' inadempjenti u rrisponda li "ma pprecepixxa xejn minn wara dar hutu".

"L-atturi talbu lil din il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut Joseph Schembri, zewg il-konvenuta Georgina Alexander Schembri, kien, ad insaputa u a skapitu ta' l-atturi, rcieva minghand is-socjeta` kompratrici A.M.E. Limited is-somma ta' Lm100,000 oltre l-prezz imhallas skond il-kuntratt ta' l-20 ta' Novembru 1999 (Dok A), in atti Nutar Carmel Mangion, fuq l-akkwist tal-porzjonijiet ta' l-artijiet mill-ghalqa maghrufa tal-Gurgier, sive tal-Papa, fil-limiti ta' Birzebbugia.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm40,000 u cioe` s-somma ta' ghoxrin elf Lira Maltija Lm20,000 kull wahda mill-atturi, jew dik is-somma verjuri anqas jew aktar li tillikwida dina l-Qorti, bhala sehemhom mis-somma ta' Lm100,000 li l-konvenut ircieva izjed oltre l-prezz indikat fuq il-kuntratt imsemmi ta' l-20 ta' Novembru 1999.

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm8,331.64c u cioe` s-somma ta' Lm4,165.82c kull wahda mill-atturi, li huma rcevew anqas bhala sehemhom mill-prezz skond il-kuntratt ta' l-20 ta' Novembru 1999 tal-bejgh ta' l-artijiet fuq imsemmija u skond il-ftehim ta' bejn il-vendituri.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Mejju 2001, tal-Mandat ta' Sekwestru u ta' Inibizzjoni prezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali mill-20 ta' Novembru 1999, kontra l-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-atturi.

“Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kuntratt tal-20 ta’ Novembru 1999 Atti Nutar Carmel Mangion.

**“B. ECCEZZJONIJIET:**

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

“1. Illi in linea preliminari, kien gie eccepit li l-konvenuta Georgina Schembri ma kienitx il-legittima kontradittrici u kellha ghalhekk fi stadju preliminari ta’ din il-kawza tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Dan peress illi kien jirrizulta anke mic-citazzjoni attrici li din il-kawza tirrigwarda l-pretensjonijiet attrici dwar sehemhom mir-rikavat tal-bejgh ta’ proprjeta` ereditarja u ghalhekk parafernali taghhom u tal-konvenut Joseph Schembri huhom. Kien jirrizulta wkoll mic-citazzjoni tal-atturi li l-operat tal-imsemmi konvenut Joseph Schembri, anke jekk kreattiv ta’ xi obbligu favur l-istess atturi ma kienx tali li seta’, skond il-Ligi, jindossa l-obbligu tal-hlas hekk kontrattat fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess konvenut Joseph Schembri u l-konvenuta martu Georgina Schembri, jew personalment fuq l-imsemmija Georgina Schembri.

“2. Illi in linea sekondarja u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talbiet attrici gie eccepit illi l-atturi ma kellhomx interss guridiku fil-meritu mqanqal b’din il-kawza u ghalhekk ma kienu jippossjedu ebda dritt ta’ azzjoni kontra l-konvenuti, jew min minnhom, billi kellu jirrizulta li, anke jekk dak kollu premess mill-atturi fic-citazzjoni taghhom kien korrett, kull wahda mill-istess atturi effettivament ippercepiet somma li kienet teccedi dik pagabbli lilha bhala s-sehem rispettiv taghha tal-prezz tal-proprjeta` mibjugha, anke jekk tali prezz jigi kkalkolat biz-zieda tal-imsemmija somma ta’ mitt elf Lira Maltin (Lm100,000), illi kienet effettivament il-meritu tal-kawza odjerna.

“3. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici ghall-hlas tas-somma ta’ Lm4,165.82c lil kull wahda mill-atturi, gie eccepit illi:

“i. Illi l-azzjoni tal-atturi kienet preskritta skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16.

“ii. Il-konvenuti ma kienux il-legittimi kontradditturi ta’ din it-talba billi l-persuna li kienet giet inkarigata mill-vendituri (inkluza naturalment il-kontendenti) bit-tqassim tal-ammont ppercepit mill-bejgh tal-proprjeta` kien Alfred Dowdall, zewg l-attrici Nathalie Dowdall, b’mod allura l-konvenuti huma ma kienux responsabbli ghall-izball fil-qsim u ma kellhomx jirrispondu ghall-istess.

“iii. Il-konvenuti ma kienux beneficjarji ta’ l-izball allegat mill-atturi, jew almenu ma kienux l-unici beneficjarji ta’ l-izball allegat fl-intjerezza tal-ammont allegatament zbaljat.

“iv. Kif gja` kien gie eccepit fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet, l-atturi ma jippossjedu ebda interess gjuridiku u ebda dritt ta’ azzjoni kontra l-konvenuti, jew min minnhom, billi kellu jirrizulta li, anke jekk dak kollu premess mill-atturi fic-citazzjoni taghhom huma korrett, kull wahda mill-istess atturi effettivament kienet ippercepiet somma li kienet teccedi dik pagabbli lilha bhala s-sehem taghha tal-prezz tal-proprjeta` mibjugha, anke jekk tali prezz jigi kkalkolat biz-zieda tal-imsemmija somma ta’ mitt elf Lira Maltin (Lm100,000).

“4. Illi kien sejjer jirrizulta mill-provi mismugha fil-kors ta’ din il-kawza, illi s-somma ta’ mitt elf Lira (Lm100,000) ma thallsitx lill-konvenuti bhala l-prezz ta’ sehemu tal-art mibjugha.

“5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

**“C. PROVI:**

“Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici Maria Tabone.

“Xehed Alfred Dowdall li qal li hu r-ragel ta’ Nathalie Schembri bint il-mejjet George Schembri u ilu mizzewweg ghal xi tletin sena. Qal li George Schembri kellu zewg bicciet art, wahda tieghu wahdu u l-ohra li kien xtraha flimkien ma’ huh li kien jismu Guzeppi, li pero` din kienet giet moghtija b’cens temporanju lill-istess huh Guzeppi. L-artijiet imissu ma’ xulxin u jinbsabu B’Bugia. Il-proprjeta` kollha taz-zewg ghelieqi nbieghet lill-kumpanija A.M.E Limited, u meta nbieghu, kienu nbieghu t-tnejn f’daqqa. L-artijiet inbieghu meta George Schembri kien mejjet mill-werrieta kollha hlief ghal Catherine Seager li din kienet bieghet il-porzjoni taghha. Kien sar qbil bejn kulhadd u lix-xhud kienu qabbduh biex jahdem is-sehem ta’ kull wiehed mill-werrieta dwar il-vendita tal-art in kwistjoni. Lm100,000 thallsu fuq il-konvenju u mbaghad thallset is-somma ta’ Lm175,000 fuq il-kuntratt u ghalhekk b’ total ta’ Lm275,000. Huma kienu kkalkulaw li l-valur totali tal-art in kwistjoni kien ta’ Lm300,000 minhabba l-fatt li l-valur li kien gie stmat bhala porzjoni ta’ Catherine Seager kien gie valutat ghal Lm25,000, ghalkemm hi kienet bieghet is-sehem taghha b’aktar minn hekk. Is-sehem ta’ din Catherine Seager kien $^{1}/_{12}$.

“Il-konvenut Joseph Schembri huwa wiehed mill-ahwa. Dawk li wirtu lil George Schembri huma ahwa u kienu sitta u cioe` Maria Tabone u Nathalie Dowdall li huma l-atturi, Joseph Schembri li huwa l-konvenut, George Schembri li huwa msiefer, Maria Dolores Godfrey illum divorzjata, u Catherine Seager. Il-mara ta’ George Schembri ghadha hajja.

"Kienu saru jafu li Joseph Schembri, wiehed mill-ahwa kien ircieva s-somma ta' Lm100,000 minghand il-kumpanija in kwistjoni. Meta konfrontat, Joseph Schembri ghall-ewwel innega izda meta urewh il-karti hu kien qal li rcevihom bhala rigal minghand il-kumpanija. Fuq l-art in kwistjoni kien hemm anke ***garage*** li kien juzah Joseph Schembri ghalkemm ma kellu ebda titolu lokatizju favur tieghu. Schembri kien semmielhom ukoll f'dak l-istadju li hu kien ha l-flus ukoll talli hareg minn gol-***garage*** u ghalhekk ta l-***vacant possession*** lill-kumpanija.

"Ix-xhud kien ikkonkluda li l-kopja tal-***bank draft*** tirreferixxi ghall-art in kwistjoni qal li rrizulta li d-data tal-***bank draft*** hija tad-19 ta' Novembru 1999 u tar-ricevuta hija tal-20 ta' Novembru 1999. Zied jghid li riferibbilment ghad-Dok "D2" fil-parti t'isfel tieghu hemm il-firma ta' Joseph Schembri. Qal li hu l-firma ta' Joseph Schembri jafha. Ic-***cheque*** u r-ricevuta kienu gew ghand ix-xhud fl-istess habta. Zied jghid li Joseph Schembri kien jichad li ha l-flus pero` fl-istess hin kien isostni li l-ammont li ha hadu bhala rigal. In-negozjati saru mill-bidu sal ahhar minn Joseph Schembri u sensara ma kienx hemm. Sostna li Joseph Schembri qatt ma semma li kien qed jigi kumpensat tal-garaxx jew ta' xi haga ohra u qatt ma semma li kien qed jippretendi xi flus bhala hlas ta' senserija.

"Specifika li l-Lm275,000 ma kienux inqasmu b'mod ugwali bejn kulhadd u dan minhabba l-fatt li meta l-art in kwistjoni kienet ghadha f'idejn il-missier George u l-ahwa precizament Joseph u George l-ulied, l-ahwa tal-atturi u l-konvenut kien inbena ***garage*** u kienu hadmu huma stess fih u infatti kien hemm certu kwistjoni tahraq dwar il-proprjeta` tal-***garage*** li legalment kien ta' kulhadd pero` effettivament dan kien jippretendi li kellu parti minn dan is-sehem, u infatti meta giet biex issir il-vendita in kwistjoni kien impona l-kundizzjoni li biex issir il-vendita hu jiehu sehem doppju, ghal liema kundizzjoni l-ahwa l-ohra kienu accettaw. Hu spjega li z-zewg subien hadu kull wiehed Lm69,875, t-tliet ibniet hadu kull wiehed Lm38,250 u l-

omm hadet Lm10,000. Ma jafux l-ammont ezatt ta' Catherine Seager izda probabbilment Lm40,000.

"Qal li c-cekkijiet li hareg Anton Camilleri kienu ffirmati darbtejn minnu u minn Annetta Schembri. Hu kellu l-impressjoni li kienu ***bank drafts***. Wahda mill-ahwa ma resqitx u ghalhekk kien tnaqqas l-ammont dovut lilha mis-somma.

"Ipprezenta skeda fol. 139 tal-process fejn spjega li originarjament il-valur tal-kuntratt kellu jkun Lm300,000 waqt li meta ma dehritx Seager fil-kuntratt il-valur nizel ghal Lm275,000 b'mod li l-ewwel nofs kien jammonta ghal Lm150,000 u n-nofs l-iehor gie jammont ghal Lm137,500 u cioe` differenza ta' Lm12,500. Bil-mod kif inhadmu l-kontijiet it-tlett ibniet sofrew terz ta' dan u cioe` Lm4,166 kull wahda minnhom.

"Gie prezentat affidavit ta' <u>Nathalie Dowdall</u> li fih semmiet li meta kienu ser jippruvaw ibieghu l-art huha Joseph kien ghamlilhom kundizzjoni li hu u huh George jiehdu nofs il-flus u biex ma jinqalax inkwiet l-ahwa bniet kienu accettaw. Meta waslet il-gurnata biex jiffirmaw il-kuntratt ohthom Catherine ma deheritx u saru jafu li kienet bieghhet is-sehem taghha. Xi zmien wara saru jafu li huhom Joseph kien sarlu pagament ta' Lm100,000, liema pagament ma kienx deher fil-kuntratt u huma ma kienux jafu bih. Ghall-ewwel huhom kien cahad li ha xi flus, u mbaghad qal li dik ma kienitx il-firma tieghu. Wara hafna kien qal li dawn il-flus kienu ngahtaw lilu u huma ma kellhomx dritt ghalihom.

"Xehdet <u>Nathalie Dowdall</u> li u kkonfermat li ommhom hadet biss Lm10,000 u l-***Capital Gains Tax*** kienu hallsuha l-ahwa. Qalet li hi accettat somma inferjuri biex izzomm il-kwiet u sa fejn kienet taf hi anke ohtha Maria. Ikkonfermat li l-flus kellhom jinqasmu Lm150,000 bejn is-subien u Lm150,000 bejn il-bniet u l-Lm10,000 kellhom jinghataw Lm5,000 mis-subien bejniethom u Lm5,000 mill-bniet bejniethom. Qalet li l-amministrazzjoni generali tal-flus kien ha hsiebha zewgha Alfred. Hi ppretendiet li l-Lm100,000 li ha huha tinqasam bejniethom.

“Gie prezentat affidavit ta’ Maria Tabone - wahda minn sitt ahwa u l-ahwa kienu eredi tieghu fi kwoti indaqs. Kienu kollha accettaw li jbieghu l-art u l-omm accetta li tiehu biss Lm10,000 u l-bqija ta’ sehemha kellhom jaqsmuh bejniethom. Meta kulhadd kien accetta l-konvenut ghamlilhom il-kundizzjoni li z-zewg ahwa subien jiehdu nofs il-flus u n-nofs l-iehor jinqasam bejn l-erbat ibniet, wara li jitnaqqsu l-Lm10,000 ta’ ommhom u t-taxxi. Qalet li huma ***di buona grazia*** u biex izommu l-kwiet accettaw li jaghtu vantagg lis-subien peress li meta kien ghadu haj missierhom kienu jmorru jahdmu gol-barriera, li hija parti mill-art trasferita, u kienu bnew garaxx kbir. Fuq il-barriera u fuq il-garaxx hadd mill-ahwa ma kellu titolu lokatizju. Meta kienu gew ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fl-20 ta’ Novembru 1999 oht ix-xhud, Catherine Seager, ma attendietx.

“Wara xi zmien saru jafu li l-konvenut kien ircieva Lm100,000 ohra apparti l-prezz miftiehem u li ma kienitx dehret fuq il-kuntratt. Ix-xhud u hutha kien raw kopja tal-***bank draft***. Huma kienu kkonfrontaw lill-konvenut fid-dar ta’ ommhom izda dan kien cahad li rcieva flus ohra apparti dawk tal-kuntratt. Il-konvenut kiteb lura permezz tal-konsulent legali tieghu fejn irrisponda li ma kien ippercepixxa xejn minn wara dar hutu. Huma kienu regghu kkonfrontaw lill-konvenut u hu rega’ cahad. Xi jumejn wara kien ammetta maghhom li minghand il-kompratur apparti l-flus tal-kuntratt kien ha Lm25,000 u mhux Lm100,000. Wara hafna ammetta li kien ha l-Lm100,000 izda meta talbuh sehemhom hu kien irrifjuta.

“Xehdet Catherine Fenech, Supervisor mal-HSBC, u semmiet li b’referenza ghal ***draft no.*** 56507 fl-ammont ta’ Lm100,000 fuq il-kont numru 00959600236 in-numru tal-kont imsemmi huwa numru ta’ dak iz-zmien Mid-Med Bank li jindika li gew mitlubin johorgu cekk pagabbli lil terzi. Ic-cekk jidher li gie prezentat lil APS Bank Malta jigifieri ma kienux innegozjawh huma dirett. Li gara mbaghad kien li l-APS Malta ipprezentah lilhom minhabba l-ammont qawwi li kien hemm u allura jkun gie prezentat minn bank ghal bank dirett. Rigward l-identita` jew dettalji

ohra ta' min ipprezenta c-cekk kull ma ghandhu l-HSBC hija firma u ***number***. Qalet li l-***onus*** huwa fuq l-APS Bank. Ipprezentat fotokopja li m'hix daqshekk leggibbli ghajr il-firem li huma leggibbli fuq wara tac-cekk.

“Rat id-dokument li jinstab a fol. 36 tal-process u qabblitu mad-dokument li pprezentat hi u qalet li l-firem jidhru li huma l-istess ta' l-ufficjali tal-bank. Jidher li c-cekk gie prezentat lill-APS Bank u dan uza dak li jghidulu bhala ***special clearing***. Dan ikun meta bank ikun jipprezenta cekk lill-bank minn fejn ikun inhareg ic-cekk ghar-raguni biex jigi ***cleared*** mill-ewwel u dan ***vis a vis*** l-ammont tac-cekk li hu. Fuqu hemm firma u numru li jidher li hu 155742. Ma setghetx tghid min kienet il-persuna li sarfet ic-cekk ghax dan kien negozjat mill-APS Bank.

“Skond il-kopja a fol. 36 jidher li c-cekk kien pagabbli li Mr. Joe Schembri. Il-procedura tal-bank taghhom hija li jinsistu fuq ***identification***, jekk ma jkunux jafu lill-persuna. Qalet li fil-bank taghhom in-norma hi li anke jekk jafu l-persuna, xorta wahda jnizzlu l-***identification number*** tieghu fuq wara tac-cekk. Ic-cekk hu migbud fuq il-***branch*** tal-Marsa u fih ukoll ***serial number***. Is-***serial number*** tal-kopja li gabet ix-xhud u tal-process jaqblu. Qalet li numri konsekutivi fil-***branches*** ikunu zgur izda jista' jkun tejoretikament li hemm l-istess ***serial*** u ***branch*** iehor tal-bank.

“Xehed <u>Anton Camilleri</u> li qal li kien hemm xi zmien li kien direttur tal-kumpanija A.M.E. Limited, ghalkemm l-isem illum huwa Tomcam Properties Limited. Zied jghid li kien hareg cekk ta' Lm100,000 lill-konvenut imma ma ftakarx meta kien ghaddihulu. Ma setax jiftakar jekk kienx ghamel cekkijiet lil Annetta Schembri Qal li hu ghamel il-pagamenti skond il-kuntratt. Zied jghid li c-cekk imsemmi fil-kuntratt kien hargu favur Annetta Schembri u qal li jista' jkun li kien hareg cekk fuq xi tifel taghha u hu jaghtuh lil Annetta Schembri. Hu kkonferma s-somma li hemm fil-kuntratt.

“Xehed is-Sur <u>Sammy Nicholl</u>, konsulent mal-APS u qal li c-cekk inhareg f'isem Joseph Schembri. Kien hemm cekk

ta' Lm100,000 favur Joseph Schembri. Lm70,000 dahlu go ***joint account*** f'isem Joseph u Georgina Schembri waqt li Lm28,000 dahlu go ***numbered account***. Dak iz-zmien il-***bearer accounts*** kienu ghadhom jezistu. Skond ir-***records*** sabu li l-Lm2,000 haduhom ***cash***.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Schembri.

"Gie prezentat affidavit tal-konvenut <u>Joseph Schembri</u> li fih issemma li missieru kien xtara l-art in kwistjoni waqt iz-zwieg. Hu kien jahdem ma' missieru li kien kuntrattur u bennej minn mindu kellu 15-il sena. Sostna li missieru kien jghid lil ommu u lil hutu li meta jmut, il-barriera kellha tkun tax-xhud u ta' huh George. Ix-xhud ikkuntenta ruhu b'offerta ta' Lm300,000 u huma accettaw li jbieghu. Peress li Catherine Seager kienet dubjuza tidhirx ghall-kuntratt l-offerta finali ta' Camilleri kienet Lm275,000 ghall-art u Lm100,000 lix-xhud biex johrog.

"Wara li kien gie ffirmat il-kuntratt ix-xhud rega' dahal ikellem lil Camilleri u dan tah ***bank draft*** ghal Lm100,000 u x-xhud tah ricevuta. Il-qsim tal-flus kien sar min Alfred Dowdall li jigi hu Nathalie Dowdall. Qal li xi zmien wara t-tieni kuntratt hutu staqsewh jekk kienx minnu li ha Lm100,000 minghand Camilleri. Hu ghall-ewwel kien innega u kien baqa' jinnega anke wara laqghat ohra. Sostna li dik is-somma thallset lilu minhabba li kien ser jitlef il-pussess tal-art. Hu qal li hutu thallsu skond ma kienu ftiehmu.

"Xehed il-konvenut <u>Joseph Schembri</u> in kontra ezami u qal li l-Lm100,000 li kien ha bhala zieda fuq il-prezz ma cahadx li hadhom izda li hadem ghalihom. Sostna li missieru l-barriera dejjem wieghda lilu u lil huh ghalkemm ma kienx lahaq kitibha fit-testment.

**"D KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi l-atturi pprocedew kontra huhom Joseph Schembri fil-kaz odjern, wara li sar kuntratt datat 20 ta' Novembru 1999, fejn l-atturi u l-konvenut flimkien ma' ommhom Annetta Schembri u huthom l-ohra ttrasferew lis-socjeta`

A.M.E. Ltd. Hdax-il parti minn tnax-il parti ($^{11}/_{12}$) indivizi ta' porzjon ta' art tal-kejl ta' hamest elef, sitt mija u hamsa u disghin metru kwadru (5,695m.k.). Illi r-raguni li tat lok ghal din il-kawza hija li l-atturi eventwalment saru jafu li l-konvenut Joseph Schembri kien ircieva ad insaputa u a skapitu taghhom is-somma ta' mitt elf Lira Maltin (LM100,000) minghand is-socjeta` kompratrici, u dan oltre` l-prezz miftiehem minnha skond l-istess kuntratt. Ghalhekk, l-atturi talbu li jithallsu s-somma li hi sehemhom mis-somma ta' Lm100,000 li l-konvenut ircieva oltre` l-prezz.

***"D1: L-eccezzjoni li Georgina Schembri mhux legittima kontradittrici***

"Illi gie eccepit preliminarjament, li l-konvenuta Georgina Schembri mhux il-legittima kontradittrici. Illi gie sostnut dan peress li l-kawza odjerna tirrigwarda sehem mir-rikavat tal-bejgh tal-proprjeta` parafernali ta' huhom Joseph Schembri. L-atturi sostnew li permezz ta' tali rikavat, il-konvenut Joseph Schembri u martu Georgina Schembri xtraw proprjeta` immobiljari fil-31 ta' Dicembru 1999, huma xtraw *garage* numru 37 "Patmar", St. Edward Str., Birzebbugia, u fl-20 ta' Jannar 2000 xtraw ***maisonette*** bl-isem "Joelin", Triq is-Salvatur, Marsaxlokk (a fol. 51 u 52). Zgur li l-flus spiccaw fil-komunjoni tal-akkwisti u jekk isir hlas lura jrid johrog minn dak tal-komunjoni.

"Illi ladarba bir-rikavat mill-wirt ta' Joseph Schembri, gew akkwistati l-beni msemmijin hawn fuq, dawn jidhlu fil-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti Joseph u Georgina Schembri, u dan hekk kif hemm provdut fl-Artikolu 1320(e) tal-Kodici Civili, fejn hemm imnizzel li:

"Fil-komunjoni ta' l-akkwisti jidhlu:

"(e) "kull beni akkwistati bi flus jew hwejjeg ohra li wahda mill-partijiet mizzewgin kellha minn qabel iz-zwieg, jew li wara z-zwieg missew lilha b'donazzjoni b'wirt jew titolu iehor…."

“Ghalhekk il-konvenuta hija legittima kontradittrici u ghal dawn il-motivi, tichad l-ewwel eccezzjoni.

***“D2: L-eccezzjoni li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku***

“Dwar il-kuncett ta’ l-interess guridiku, jibda biex jinghad, li;

“Fil-kawza fl-ismijiet **Giulia Maria Millard vs George Said et noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] inghad li biex wiehed jista’ jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

“Fil-kawza fl-ismijiet **Alexander Eminyan vs John Mousu pro et nomine** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Superjuri fit-28 ta’ Frar, 1997 [LXXXI-11-429] gie ritenut li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur u f’dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.
“L-interess irid ikun guridiku, cioe` bbazat fuq xi dritt pretiz lez ta’ l-atturi. (**Mattirolo** Vol. I pag.50; **Mortara** VolI p.588;). Il-**Mattirolo** f’dan ir-rigward jispjega li:

*“L’azione compete soltanto e tutela dei diritti; l’interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d’altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` ‘injuria datum’, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.”*

“Il-ligi qeghda hemm biex tipprotegi dak l-interess li ghandu dritt bhala bazi tieghu. Huwa ghalhekk, li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta’ l-azzjoni.

“L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioe` jrid johrog minn stat attwali ta’ vjolazzjoni ta’ dritt. (Ara **Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe.** deciza mill-Qorti ta’ L-Appell fid-29 ta’ Jannar 1997). Illi minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta’ l-attwalita` tal-interess f’attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa’ jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Hekk gie ritenut fil-kawza **Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard** Appell Civili datat 17 ta’ Frar 1993.

“Illi gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f’somma determinata ta’ flus jew gid, u jista’ jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Ara **Axiaq vs Mizzi noe et** Prim Awla Qorti Civili deciza fit-13 ta’ Ottubru 1952, **Scolaro vs Bailey,** Appell Civili deciz fil-15 ta’ Dicembru 1932, **Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin,** Prim’Awla Qorti Civili deciz fit-28 ta’ Marzu 2003).

“Dan il-principju gie ribadit fil-kawza **Falzon Sant Manduca vs Weale,** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-9 ta’ Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun guridiku, jigifieri jkollu l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta’ l-attur, izda dan l-interess m’hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f’valur ekonomiku. Il-Qrati taghna, sahansitra taw decizjonijiet fis-sens li persuna ghandha nteress li tigi msejha fil-kawza anke fen la tista’ tirbah il-kawza u lanqas tista’ tigi kkundannata, imma biss ghaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet taghha u ghall-integrita` tal-gudizzju. (Ara **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Mejju 1995).

“Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista’ jghid li l-interess guridiku:

“- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jedd u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza]

“- irid ikun dirett

“- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta’ l-attur, u mhux biss interess]

“- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]

“- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`

“- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur

“- il-kawza li jipproponi tkun tista’ tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.

“- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir

“- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista’ jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

“Issa fil-kaz in ezami, il-kawza giet istitwita mill-atturi ghal sehemhom fir-rigward tas-somma ta’ mitt elf Lira Maltin (Lm100,000). Illum, l-atturi ghandhom kemm interess guridiku u kemm interess ekonomiku. Huwa ovvju li l-atturi ghandhom interess fl-ezitu tal-kawza, kemm meta giet istitwita l-kawza kif ukoll, illum. U kien proprju dritt taghhom, bhala ahwa tal-konvenut u eredi f’oqsma ndaqs tal-genituri taghhom. Illi tali azzjoni tista’ twassal lill-atturi ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`, u jezisti wkoll ness

guridiku bejn l-agir tal-konvenut u l-pregudizzju allegatament subit mill-atturi minhabba tali agir.

“Ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

***“<u>D3: L-ammont ta’ Lm100,000 f’idejn il-konvenut Schembri</u>***

“Illi fir-rigward tal-mertu tal-kaz taht ezami, irrizulta bl-aktar mod car li Joseph Schembri rcieva mitt elf Lira Maltin (Lm100,000), hekk kif jidher mill-*bank draft* datat 19 ta’ Novembru 1999 (a fol. 36), u r-ricevuta datata 20 ta’ Jannar 1999 (a fol. 36), u r-ricevuta datata 20 ta’ Jannar 1999, bil-firma ta’ Joseph Schembri (a fol. 37). Jigi rilevat li r-ricevuta ghandha l-istess data tal-kuntratt fejn l-atturi, u l-konvenut Joseph Schembri, bieghu hdax-il parti minn tnax-il parti ta’ porzjon ta’ art tal-kejl ta’ cirka hames titmiem lis-socjeta` A.M.E. Ltd. (a fol. 6 sa 10). Fil-fatt, dan gie konfermat mill-konvenut stess:
“Qed nigi mistoqsi jien chadtx fix-xhieda tieghi, li hadt Lm100,000 bhala zieda fil-prezz nghid li le, mhuwiex hekk, dawk hdimt ghalihom u hadthom bhala kumpens.” (a fol. 150). “Niftakar li lil Anton Camilleri ghamiltlu ricevuta ta’ LM100,000, nghid li meta ghamiltlu din ir-ricevuta, din saret permezz tan-Nutar Mangion allura ma kienet xejn illegali”. (a fol 151).

“Jirrizulta mit-testment ta’ Annetta Schembri datata 25 ta’ Ottubru 1994, li s-seba’ artikolu jghid hekk:

“It-testatrici qeghda tinnomina u tistitwixxi bhala eredi universali proprjetarji u padruni assoluti ta’ gidha kollu lis-sitt uliedha……”

“U d-disa’ artikolu jkompli ighid li l-beni mhollija b’titolu ta’ legat f’dan it-testment ma jappartjenux interament lilha, peress li dawn kienu jappartjenu lill-komunjoni ta’ l-akkwisti li kellha ma’ zewgha George Schembri llum mejjet (a fol. 120-121).

“Ghalhekk, l-atturi u l-konvenut Joseph Schembri kellhom jaqsmu sehemhom fi kwoti ndaqs wara l-bejgh ta’ l-art in

kwistjoni.  Illi xejn ma jiswa l-argument tal-konvenut, meta fix-xhieda tieghu in kontro-ezami sostna li l-Lm100,000 hadhom bhala kumpens, b'referenza ghas-sighat kollha li ghamel jahdem fil-barriera bhala kumpens ta' xoghol, kif ukoll li missierhom kien wieghed verbalment il-barriera lill-ahwa subien.  Dan ghaliex mhux kontestat la mill-atturi u lanqas mill-konvenut li missierhom ma semmiex  dan il-fatt f'testment, u ghalhekk tali weghda ma tirrizultax bil-miktub.

"Irrizulta wkoll li fir-rigward tal-prezz ta' l-art in kwistjoni, li Joseph Schembri rcieva d-doppju ta' dak li rcevew hutu l-bniet, kif ikkonferma hu stess (a fol. 151).  Izda, dan kien sar bi qbil bejn l-ahwa, hekk kif ikkonfermat ukoll Nathalie Dowdall fix-xhieda taghha (a fol. 130).

"Mill-mod kif graw l-affarijiet jirrizulta car li l-konvenut Schembri ha l-ammont ta' Lm100,000 b'liema flus ghall-ewwel hutu ma kienu jafu xejn.  Jirrizulta wkoll li Schembri kien il-persuna principali li qedha tmexxi n-negozju.  Il-konvenut kien sostna originarjament li ma rceviex flus izda meta ngabet prova inkonfutabbli hareg bl-ideja li kien qed jiehu dan il-flus minhabba li qed jitlef il-pussess tal-art. Irrizulta pero` li Schembri ma kellu ebda titolu legali ta' kwalisiasi natura.  Infatti hu kien jokkupa l-artijiet b'mera tolleranza ta' hutu jew bhala kom-proprjetarju u ma rrizulta ebda titolu lokatizju jew ta' xi natura ohra.  Illi kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **Paolina Stagno pro et noe vs Carmelo Bugeja et** Appell Civili Inferjuri deciza fis-6 ta' Ottubru 2004:

"it-tgawdija ta' fond b'titolu ta' mera tolleranza ma tattribwixxi l-ebda drittijiet mhux biss ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita` tal-adempiment izda, ukoll, skond l-insejament ta' Laurent: "colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo` ritirare dan un istante all'altro".
"Dan iwassal ghall-fatt li ghalhekk il-konvenut Schembri ma kien intitolat ghal ebda somma talli ma baqalux il-pussess tal-art.  L-istess konvenut Schembri pprova wkoll isostni li l-atturi thallsu skond ma kienu ftiehmu.  Sa certu

punt dan hu veru izda, l-atturi kienu ftiehmu minhabba li l-konvenut kien dahaq bihom u filwaqt li mar jinnegozja ghan-nom taghhom (u suppost gabilhom l-ahjar kundizzjonijiet) minflok ipprova jiehu Lm100,000 ghalih.

“Illi kunsidrati dawn il-fatti, u wara li gie ppruvat u ammess mill-konvenut stess li huwa ha l-ammont ta’ Lm100,000 apparti l-prezz ta’ l-art in kwistjoni, il-Qorti hija tal-fehma li dan ma kienx lecitu u ma setax isir, iktar u iktar, meta dan sar minn wara dahar hutu u bl-ebda qbil ma’ hutu l-ohra li dehru fuq il-kuntratt.

“Ghalhekk suppost li din is-somma ta’ Lm100,000 inqasmet. Huwa difficli wkoll li tghid kif kellha tinqasam. L-argument li l-ahwa subien jiehdu n-nofs certament mhux validu minhabba l-fatt li rrizulta li l-ahwa l-bniet kienu accettaw dan l-aspett biex jevitaw l-inkwiet u jaslu fi ftehim bonarju. Izda kif jista’ l-konvenut Schembri li fuq l-istess bazi l-ahwa subien izommu n-nofs wara dak li ghamel hu u spiccaw il-Qorti! Dan iwassal li l-konvenut Schembri mhux intitolat ghal sehem akbar minn kull wiehed mill-ahwa li ffirma l-kuntratt in kwistjoni. Jirrizulta li l-apporzjonar tal-flus kienet haga interna ta’ bejn l-omm u l-ulied hlief ghal Catherine Seager u ma kien hemm ebda rinunzja formali da parti tal-omm. X’kienet taghmel l-omm li kieku kienet taf li kien hemm Lm100,000 aktar huwa punt ta’ kongettura li possibbilment anqas l-istess ommm mhi kapaci tirrispondiha u fil-fatt qatt ma giet prodotta bhala xhud. Setghet forsi ppretendiet aktar mill-Lm10,000, setghet ippretendiet li fil-kaz ta’ dawn il-Lm100,000 trid nofshom, izda l-Qorti thoss li l-probabbilta` hi li l-omm xorta kienet tirrinunzja favur uliedha ghax kienet kuntenta li tiehu biss l-Lm10,000 izda dan ma jwassalx ghall-fatt li l-konvenut Schembri jippretendi li hutu l-bniet joqghodu fuq l-istess ammonti u l-Qorti tkun qed tghin li min ipprova jidhaq b’hutu li kieku ma kellhiex issostni li kull wiehed mill-ahwa kien hadu ndaqs, u li ghalhekk l-atturi Maria Tabone u Nathalie Dowdall kien haqqhom il-kwint ($^1/_5$) daqs kemm kien haqqu l-kwint ($^1/_5$) tieghu l-konvenut kif ukoll George Schembri u Maria Dolores Godfrey li pero` dwar dawn l-ahhar tnejn anqas biss huma partijiet fil-kawza. Il-Qorti ghandha biss

quddiemha t-talba ta' Maria Tabone u Nathalie Dowdall u fil-kaz taghhom thoss li l-konvenut Schembri kien fil-fatt ha ***ad insaputa*** l-imsemmija somma u ghandu jaghti Lm20,000 lil kull wahda mill-atturi u cioe` Lm40,000 b'kollox.

***"<u>D4: It-talba ghal Lm8331.64 bejn tnejn ossija Lm4165.82</u>***

"Dwar il-hlas ghas-somma ta' Lm4165.82 kull wiehed ghall-atturi, li huma rcevew anqas bhala sehemhom mill-prezz skond il-kuntratt ta' l-20 ta' Novembru 1999, giet eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 jiddisponi:
"l-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-dispozizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball."

"L-atturi ndunaw bl-izball fil-bidu ta' Jannar 2001. Issa l-preskrizzjoni tiddekorri minn dakinhar li dak lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball u ghalhekk minn Jannar 2001 u ma tistax tigi interpretata fis-sens li t-terminu jibda jghaddi mill-jum li fih l-attur seta' jinduna bl-izball indipendentement mill-fatt jekk indunax (ara sentenza **Edward Spiteri vs Francis Falzon**, Appell Civili deciz fit-3 ta' Frar 1958). Jirrizulta li l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Frar 2002 u ghalhekk ma lahqux iddekorrew is-sentejn.

"Il-konvenut ipprova jallega li anke jekk stess il-konteggi tal-atturi huma korretti, in-nieqes li thallas kien thallas qabel Novembru 1999 u li ghalhekk l-azzjoni hija preskritta. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunar ghax tqis li ammonti akkont ma jiffinalizzawx it-trasferiment finali li ghalih qed jirreferi l-artikolu indikat. It-talba ghar-rifuzjoni ta' kull wahda mill-atturi ghall-ammont ta' Lm4,165.82 hi bazata fuq il-fatt li l-prezz originali kellu jkun ta' Lm300,000 izda gie ridott ghal Lm275,000 u ghalhekk tnaqqas sehem Catherine Seager li ghamlet kuntratt separat. Izda gara li wara li tnaqqsu l-Lm25,000 dan gie mnaqqas mis-sehem tal-bniet u mhux billi nqasam l-

ammont ta’ Lm275,000 bejn zewg partijiet li jwassal ghal Lm137,500 (in-nofs ta’ Lm275,000). Dan wassal ghal differenza ta’ Lm12,500 li jekk tiddividieh bejn tlieta jammonta ghal Lm4,166.66.

Issa l-konvenut ipprova jsostni li l-persuna inkarigata mit-tqassim tal-flus kienet responsabbli u cioe` Alfred Dowdall, ir-ragel ta’ Nathalie Dowdall l-attrici. Biex ikun hemm lok ghal ripetizzjoni ta’ indebitu jenhtieg li jissussistu dawn l-elementi:

“1. Li jkun sar pagament
“2. Li dan il-pagament mhux dovut
“3. Li l-pagament sar bi zball

“(Ara **Maria Galea vs Grace Borg**, Prim Awla tal-Qorti Civili 12/10/2005)

“Fil-kaz in ezami dawn it-tliet elementi huma sodisfatti ghax taht dan l-aspett huwa rikjest li persuna tkun ibbenefikat minn zball u mhux necessarju li jkun ikkawza l-istess zball min fil-fatt min ikun ibbenefika minnu.

“Ghal dawn il-motivi tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**“D. KONKLUZJONIJIET:**

“Ghall-motivi fuq imsemmija din il-Qorti tichad l-eccezzjoni li Georgina Schembri mhux il-legittima kontradittrici.

“Tichad l-eccezzjoni li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku.

“Tiddikjara li l-konvenut Joseph Schembri ***ad insaputa*** u a skapitu tal-atturi rcieva minghand is-socjeta` kompratrici Lm100,000 oltre l-prezz imhallas fil-kuntratt tal-20 ta’ Novembru 1999.

“Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu Lm20,000 lil kull wahda mill-atturi.

"Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu Lm4,166 lil kull wahda mill-atturi.

"Spejjez kontra l-konvenuti."

**L-Appell tal-Konvenuti**

2.1 Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u ghalhekk interponew appell minnha ghal fini tar-revoka taghha, bic-cahda tat-talbiet kollha tal-atturi, bl-akkoljiment tal-eccezzjonijiet taghhom, u bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

2.2 L-aggravji tal-konvenuti jistghu jigu in succint migburin fis-segwenti lanjanzi:-

i) Li t-tieni eccezzjoni sollevata minnhom kienet wahda valida u dana billi bhala fatt kull wahda mill-atturi ppercepiet somma eccedenti dik imhallsa lilha bhala s-sehem rispettiv taghha tal-prezz tal-proprjeta` mibugha, anke jekk mal-prezz kellha tizdied is-somma ta' Lm100,000 mertu tal-vertenza. Mill-prova jirrizulta li l-atturi hadu "kwazi Lm6,000 aktar milli kien imisshom kieku hadu s-sehem rispettiv taghhom";
ii) Li mill-pretenzjoni attrici, "ma huwiex car liema sehem ghandhom jippercepixxu." L-ewwel Qorti zbaljat meta hija qabdet u ghamlet certi asserzjonijiet "ta' xejra kongetturali" u b'dan il-mod spiccat biex "tillibera…lill-atturi appellati mill-obbligu taghhom illi jippruvaw x'kienet verament ix-xierqa ta' ommhom." Anzi, l-ewwel Qorti marret oltre u ddecidiet li d-drittijiet tal-omm <u>*qua*</u> proprjetarja setghu jigu skartati.

iii) L-eccezzjoni illi l-konvenuta appellanti Georgina Schembri ma kinitx il-legittima kuntradittrici kienet wahda valida u ma messhiex giet respinta. L-assi tal-kawza kienu jappartjenu lill-familja Schembri u ma kinux parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi appellanti u r-ragunament tal-Qorti taht dana l-aspett kien wiehed skorrett.

iv) Illi dwar it-talba attrici ghal hlas addizzjonali ta' Lm4,65.82 lil kull wahda minnhom, ghandhom iregu dak li gie eccepit mill-konvenuti, jigifieri:

(a) li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16.

(b) li l-konvenuti m'humiex il-legittimi kuntraditturi ghax mhux huma kienu responsabbli mit-tqassim tal-flus li gew inkassati;

(c) illi la kien effett ta' zball u lanqas ta' xi zvista illi Alfred Dowdall hallas lill-martu u lill-ohtha l-ammonti li dawn ircevew. Il-fatti juru li l-atturi messhom l-ammont ta' Lm38,250 kull wahda minnhom, jigifieri sewwa sew dak l-ammont li thallas lilhom.

v) Il-provi juru li l-appellant Joseph Schembri thallas l-ammont ta' Lm100,000 mhux bhala prezz tal-immobbli mibjugha izda bhala kumpens talli huwa kellu jizgombra mill-istess fond. Li kieku huwa ghazel li ma jizgombrax mill-proprjeta` <u>*de quo*</u>, il-bejgh lanqas biss ma kien ikun possibbli.

**<u>Ir-Risposta tal-Atturi Appellati</u>**

3.1 L-atturi wiegbu li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, hlief ghal dik il-parti mid-<u>decide</u> dwar l-imghaxijiet li minnha huma qeghdin jinterponu appell incidentali.

3.2 L-appellati jsostnu li bil-maqlub ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, l-appellati lkoll ghandhom interess guridiku dirett "fl-istituzzjoni, prosekuzzjoni u ezitu tal-kawza odjerna."

3.3 Dwar it-tieni aggravju, l-appellati jsostnu li s-somma ta' Lm100,000 <u>*de quo*</u> ghandha tinqasam ugwalment bejn l-ahwa, b'dana pero` li kellu jittiehed kont tal-fatt "illi Annetta Schembri (i.e. omm il-kontendenti) kienet irrinunzjat ghal kull ammont derivanti mill-bejgh…". Tali rinunzja kienet wahda pruvata mill-fatti u mhux "punt ta'

kongettura (kif allegat mill-konvenuti appellanti).” Illum l-imsemmija Annetta Schembri hija mejta u halliet lill-uliedha kollha bhala eredi universali taghha. Lanqas ma kien il-kaz illi l-flus jinqasmu bl-istess mod illi nqasmet is-somma ta’ Lm275,000.00c.

3.4 Dwar it-tielet aggravju, dan ukoll huwa nfondat. Is-somma ta’ Lm100,000 mertu tal-kawza, tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konvenuti appellanti u ghalhekk l-appellanti Georgina Alexander Schembri hija legittima kontraditrici.

3.5 Dwar ir-raba’ aggravju, huma jwiegbu ghad-diversi punti sollevati mill-appellanti. Hekk dwar il-preskrizzjoni, l-appellati jissottomettu li kwantu ghall-Art. 1027 tal-Kap. 16, l-interpretazzjoni korretta tieghu hija li t-terminu jibda jghaddi mill-jum li fih l-atturi setghu jindunaw bl-izball fil-hlas maghmul. Barra mis-suespost, sabiex tintalab ir-ripetizzjoni tal-indebit u kull ma huwa mehtieg huwa li tittiehed azzjoni kontra min ikun fil-fatt ibbenifika mill-izball, u kwindi l-konvenuti huma legittimi kontraditturi f’dawn il-proceduri u mhux kif eccepew il-konvenuti appellanti.

3.6 Dwar l-ahhar aggravju fejn il-konvenut Joseph Schembri jabbina l-ammont ta’ Lm100,000 mehud minnu bhala kumpens biex jizgombra mill-immobbli, din hija materja ta’ apprezzament ta’ provi. Il-provi juru li din is-somma nghatat lill-konvenut a skapitu tal-atturi u mhux *per via* ta’ xi kumpens lilu dovut. Il-provi prodotti jissuffragaw it-tezi tal-atturi.

**<u>L-Appell Incidentali tal-Atturi</u>**

4.1 L-atturi jissottomettu li l-interessi fuq ammont ta’ Lm100,000 kellhom jigu akkordati mid-data tal-kuntratt, jigifieri mill-20 ta’ Novembru 1999 u l-istess jinghad dwar l-ammonti ta’ Lm4,165.82 dovuta lil kull wahda mill-atturi. Fl-aghar ipotesi, l-interessi kellhom jigu akkordati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

4.2 Jigi rilevat li ma gietipprezentata ebda risposta bil-miktub da parti tal-konvenuti appellanti dwar l-appell incidentali interpost mill-atturi.

**Konsiderazzjonijet ta' din il-Qorti**

5.1 Din il-Qorti sejra tikkunsidra d-diversi aggravji tal-konvenuti *seriatim*.

Fl-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jargumentaw li jekk wiehed jikkunsidra l-ammont ta' flus ippercepit mill-appellati fid-dawl tal-ammont realment dovut lilhom isib li effettivament is-somma ricevuta minnhom "teccedi dik pagabbli lilha [i.e lil kull wahda mill-atturi] bhala s-sehem rispettivi taghha tal-prezz tal-proprjeta` mibjugha, anke jekk tali prezz jigi kkalkolat biz-zieda tal-imsemmija somma ta' mitt elf Lira Maltin (Lm100,000)." Ghalhekk isegwi li l-appellati lanqas kellhom xi dritt jazzjonaw lill-konvenuti appellanti.

5.2 Sabiex il-Qorti tasal ghad-decizjoni taghha dwar kull wiehed mid-diversi aggravji tal-konvenuti, jinhtieg li jinghata sfond fil-qasir hafna tal-fatti tal-kawza.

Kien gie ppubblikat kuntratt in data tal-20 ta' Novembru 1999 fl-atti tan-nutar Dottor Carmel Mangion (ara Dok. A a fol. 6 sa 10 tal-process) fejn l-atturi u l-konvenut flimkien ma' ommhom Annetta Schembri u huthom ohra (li m'humiex parti f'din il-kawza) ittrasferew, billi bieghu, lis-socjeta` A.M.E. Limited hdax-il parti minn tnax ($^{11}/_{12}$) indiviza ta' porzjon ta' art formanti parti mill-ghalqa maghrufa bhala tal-Gurgier, sive tal-Papa, fil-limiti ta' Birzebbugia, u dana versu l-prezz ta' Lm275,000. In segwitu ghal dan it-trasferiment, l-atturi allegaw li gie a konoxxenza taghhom il-fatt li minn wara darhom u ad insaputa taghhom, il-konvenut Joseph Schembri kien ircieva wahdu u addizzjonalment ghas-sehem li ftehmu dwaru, l-ammont ta' Lm100,000 minghand is-socjeta` kompratrici. L-atturi talbu allura li jithallsu wkoll s-sehem spettanti lilhom minn dan l-ammont addizzjonali ricevut mill-konvenut Joseph Schembri. Il-konvenuti pero` eccepew li kwantu ghal din il-pretenzjoni, apparti

eccezzjonijiet ta’ natura legali, ma kienx lanqas minnu li dan l-ammont ta’ Lm100,000 ghadda ghand Joseph Schembri bhala parti mill-prezz tal-art mibjugha imma kienet invece marbuta ma’ u konsegwenza diretta ta’ ftehim milhuq minnu separatement mas-socjeta` kompratrici biex huwa jirrilaxxja l-pussess u jizgombra mill-istess ambjenti li gew ittrasferiti.

5.3 Hemm ukoll pretensjoni ohra ghal hlas ta’ ammont inferjuri – jigifieri rifuzjoni ta’ Lm4165.82 lil kull wahda mill-atturi – in konsegwenza ta’ zball f’dawk li huma kalkoli u konteggi. Il-konvenuti hawn ukoll oggezzjonaw ghat-talba attrici kemm minhabba li skond huma kull ammont talvolta dovut illum huwa preskritt u ghaliex f’kull kaz il-kalkoli u l-ispartizzjoni tal-ammonti dovuti saru mir-ragel ta’ wahda mill-atturi stess, jigifieri minn Alfred Dowdall, u ghalhekk ifisser li l-konvenuti ma kellhom legalment jirrispondu ta’ ebda allegat zball, kif qeghdin jippretendu l-atturi.

6. Din il-Qorti, wara li qieset il-kontenut tal-ewwel aggravju u fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha kemm min-naha u kemm minn ohra, assolutament ma tasalx biex tifhem l-eccezzjoni originarjament sollevata mill-konvenuti taht dan l-aspett. L-atturi, tajjeb jew hazin, qeghdin jallegaw li huma kienu intitolati jircievu sehem mir-rikavat ta’ bejgh ta’ immobbli u li minhabba raggiri u habi da parti tal-konvenut Joseph Schembri – fatt ikkontestat mill-parti konvenuta – l-atturi spiccaw biex hadu ferm inqas minn dak dovut lilhom. Issa, indipendentement mill-fatt jekk dak li gie allegat mill-atturi huwiex minnu jew le, certament ma jaghmel ebda sens li teccepixxi li l-atturi “ma kellhomx interess guridiku fil-meritu mqanqal b’din il-kawza u ghalhekk ma kienu jippossjedu ebda dritt ta’ azzjoni” u dan a bazi tal-fatt li, din id-darba skond it-tezi tal-konvenuti, mill-konteggi ghandu jirrizulta li l-atturi hadu aktar flus minn dak dovut. Kemm it-tezi ta’ naha u kemm it-tezi tan-naha l-ohra tinvolvi interess guridiku attwali u dirett f’dak li hu l-mertu tal-vertenza u ghalhekk li wiehed jibqa’ jinsisti li t-tieni eccezzjoni hija wahda valida huwa manifestament skorrett. Isegwi mela li l-ewwel aggravju, wiehed altament fieragh, qieghed jigi respint.

7. It-tieni aggravju jirreferi ghall-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti in kwantu din irriteniet li l-probabbilita` kienet dik illi l-omm, jigifieri Annetta Schembri, ma kinitx sejra ticcaqlaq mid-decizjoni taghha li mir-rikovat hija tiehu biss dak li effettivament hadet, mentri fil-fehma tal-appellanti kien jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw haga simili.

Hija gurisprudenza pacifika li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet serji. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atturi ma kellhomx ghalfejn iressqu ebda provi ulterjuri biex juru li ommhom, illum mejta, kienet sejra tithajjar titlob somma akbar minn dik li hija gia` kienet iddecidiet li tiehu minn sehmha. Jekk il-konvenuti dehrilhom li l-probabbilita` kienet xort'ohra, allura tali prova kienet tispetta lilhom u mhux lill-atturi appellati. Jidher evidenti mill-provi li l-omm kienet gia` kuntenta u sodisfatta bl-ammont ta' Lm10,000 li hija qablet li tircievi minn sehemha u l-probabbilta`, allura, kienet dik li ma tqanqalx aktar kwistjonijiet bejn uliedha milli kien gia` nqala. Naturalment dan kollu qieghed jinghad kemm-il darba fil-mertu kellu finalment jirrizulta – kif deciz mill-ewwel Qorti – li l-konvenut Joseph Schembri qarraq b'kulhadd biex jivvantaggja ruhu a skapitu ta' hutu. Il-fatt jibqa' li mill-provi jirrizulta li l-omm kienet kuntenta li tirrinunzja milli tiehu s-somma intiera dovuta lilha bhala sehemha mill-komunjoni u l-unici partijiet li hadu passi biex jirreklamaw ammont akbar bhala dak li kien bi dritt dovut lilhom kienu l-atturi. Isegwi, kwindi, li dak deciz mill-Qorti tal-ewwel grad taht dan l-aspett kien wiehed gust u korrett u ghalhekk ukoll dan it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

8. Fit-tielet aggravju, il-konvenuti regghu insistew li Georgina Schembri, mart Joseph, ma kinitx legittima kuntradittrici billi hawn si trattava ta' assi parafernali ta' zewgha u ghalhekk hija messha giet estromessa mill-kawza. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju wkoll huwa infondat, anzi huwa wiehed fieragh. Skond il-konvenut Joseph Schembri, ir-ragel ta' Georgina Schembri, l-ammont ta' Lm100,000 gie inkassat minnu ghax kien bi dritt jappartjeni lilu biss. Mela minn dan

ghandu jsegwi li, skond dan il-konvenut, l-ammont kien jifforma parti mill-assi tal-komunjoni ta' bejnu u bejn martu Georgina Schembri. L-atturi qeghdin jallegaw li dan l-ammont *in parte* kien jappartjeni lilhom. Decizjoni favur it-tezi taghhom – kif effettivament iddecidiet l-ewwel Qorti – tkun tfisser li parti mill-assi tal-komunjoni jittiehed biex jinghata lill-atturi *qua* kredituri. Huwa ovvju ghalhekk li t-tahrika nharget korrettement min-naha tal-atturi meta dawn azzjonaw ukoll lil mart il-konvenut Joseph Schembri. Kien wara kollox fl-interess taghha li tkun edotta u tinghata d-dritt li twiegeb ghall-pretensjoni maghmulha mill-atturi. L-ewwel Qorti gustament irriferiet ukoll ghall-Artikolu 1320(e) tal-Kap. 16 bhala bazi legali tal-azzjoni attrici in kwantu diretta wkoll kontra mart il-konvenuta u din il-Qorti hija konkordi ma' dak li gie ritenut. It-tielet aggravju ghalhekk qieghed jigi respint ukoll.

9. Ir-raba' aggravju jincidi fuq parti mill-mertu. Apparti mill-kwistjoni dwar l-ammont ta' Lm100,000 (mertu tal-hames u l-ahhar aggravju tal-konvenuti), l-appellanti jsostnu li l-ammont ta' Lm4,165.82 moghti lil kull wahda mill-atturi bhala parti minn dak is-sehem li kien jispetta lilhom b'wirt ma kienx dovut u dan a bazi ta' diversi ragunijiet, aktar legali milli fattwali. L-ewwel eccezzjoni hija l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 u mhux kwistjoni li taqa' taht l-Art. 1320(e) tal-istess Kap. 16, in kwantu dik il-Qorti rriteniet li d-dejn huwa wiehed komuni peress li s-somma inkassata hija komuni. Huma invece jsostnu "illi l-gid li jifforma l-komunjoni u d-dejn illi jaggravawh huma separatament dixxiplinati mil-ligi u b'mod illi att maghmul minn konjugi jista' jiggenera gid komuni minghajr ma jghabbih b'dejn". Fin-nota taghhom (ara fol. 173 tal-process) il-konvenuti *inter alia* jissottomettu li, fi kwalsiasi kaz, l-ammonti "nieqsa" kienu jmorru lura ghal hlasijiet li saru qabel Novembru 1999 u ghalhekk kull azzjoni ghal hlas dwarhom hija preskritta.

10. Din il-Qorti, wara li hadet ukoll kont tas-sottomissjonijiet kollha li sarulha mill-partijiet dwar din il-parti tal-aggravji jidhrilha li l-azzjoni tal-atturi ma kienitx preskritta. Il-provi juru li sal-bidu tax-xahar ta' Jannar 2001, l-atturi kienu ghadhom jircievu hlasijiet akkont u li

proprju kien f'dik il-habta li huma rcevew l-ahhar parti tal-prezz tal-bejgh. Gie ppruvat anke li kien sewwa sew dakinhar li l-atturi skoprew bl-izball li sar fil-konteggi a detriment taghhom. Din il-kawza giet intavolata fis-27 ta' Frar 2002 u ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hija inapplikabbli ghaliex it-terminu msemmi fl-Art. 1027 tal-Kap. 16 ma kienx ghadu ddekorra kif eccepew l-appellanti.

11. Sussidjarjament, il-konvenuti jghidu li fuq kollox ma kienux huma responsabbli mill-mod kif saret l-ispartizzjoni tal-flejjes ghaliex dina saret minn Alfred Dowdall, ir-ragel ta' wahda mill-atturi. Dan hu minnu pero` huma l-konvenuti li in konsegwenza ta' dan l-izball ta' kalkolu gew li nkassaw ammont oghla minn dak dovut lilhom. Barra minn hekk, huma wkoll l-istess konvenuti li qeghdin espressament joggezzjonaw ghar-rettifika tal-izball li sar u ghalhekk l-atturi kienu ghal kollox korretti, proceduralment, li jharrku lilhom dwar dawn l-ammonti "nieqsa". *In extremis*, il-konvenuti jadducu argumenti ulterjuri biex juru li fuq kollox hawn lanqas ma si trattava ta' zball fis-sens li kull parti kienet taf ezattament x'kellha tircievi. Din il-Qorti hija tal-fehma li hawn ukoll l-osservazzjonijiet u kostatazzjonijiet maghmulha mill-ewwel Qorti kienu korretti u mhux il-kaz li jkun hemm xi varjazzjoni minn dak li gie deciz. Fi kliem iehor, it-talba ghar-rifuzjoni lil kull wahda mill-atturi tal-ammont ta' Lm4165.82 hija bbazata fuq il-fatt li l-prezz originali kellu jkun ta' Lm300,000, li gie ridott ghall Lm275,000 billi gie mnaqqas minnu s-sehem mehud separatament minn ohthom Catherine Seager (li m'hijiex parti fil-kawza). Gara pero` li wara li tnaqqsu Lm25,000, dan l-ammont tnaqqas biss mis-sehem tal-bniet (i.e tal-atturi) u mhux billi nqasam, kif suppost, l-ammont ta' Lm275,000 bejn zewg partijiet. Dan l-ezercizzju zbaljat wassal biex inholqot differenza totali ta' Lm12,500. Dan l-ammont, diviz bi tlieta, igib l-ammont ta' Lm4,166.66 *per capita*. Dan hu sewwa sew l-ammont li, salv l-izball, kienu intitolati ghalih kull wahda mill-atturi appellati.

Ghalhekk ir-raba' aggravju huwa infondat u qieghed jigi respint.

12. Il-hames u l-ahhar aggravju jolqot il-pretensjoni tal-atturi fir-rigward tal-ammont ta’ Lm100,000 li, skond huma, gie inkassat interament minn huhom Joseph Schembri as insaputa taghhom u minn liema ammont huma jsostnu li kellhom jiehdu bi dritt is-sehem spettanti lilhom. Ingiebu hafna provi dwar dan l-ammont. Ma hemmx dubju li l-konvenut Joseph Schembri tassew inkassa wahdu dana l-ammont, u dan wara li gie ppubblikat il-kuntratt ta’ bejgh surreferit li sar bejnu u hutu l-ohra mas-socjeta` A.M.E Limited. Sa issa l-imsemmi konvenut appellant ghadu jichad li dan l-ammont gie mhallas lilu bhala parti mill-ammont shih li effettivament thallas ghall-istess bejgh mis-socjeta` kompratrici. Huwa jghid li dan il-pagament kien dovut lilu bhala kumpens talli huwa kellu jizgombra mill-istess ambjenti mibjugha. Hu anzi jghid li mhux biss kellu pussess tal-istess ambjenti imma li anke l-kontroparti kienet taf b’dan.

13. Din il-Qorti, wara li gharblet mill-gdid il-provi kollha prodotti, tinsab konvinta li huwa inveritjer dak li qieghed jigi sostnut mill-konvenut Joseph Schembri dwar l-ammont ta’ Lm100,000. Hemm provi sufficjenti li juru minghajr dubju li dan il-konvenut ftiehem separatament u ad insaputa ta’ hutu l-ohra mas-socjeta` kompratrici biex huwa jithallas ammont addizzjonali ghal dak li nqasam bejnu, bejn hutu l-ohra u ommhom. Sabiex jigi evitat milli jinqala’ izjed inkwiet minn dak li nqala, kien gia` sar ftehim li l-qsim tar-rikavat isir b’mod li jagevola lill-eredi subien. Kien ukoll ghalhekk li l-omm iddecidiet li minflok tiehu sehmha shih, tiehu biss frazzjoni minnu, jigifieri Lm10,000. Dwar daqstant kien hemm ftehim – imma hadd ma kien jaf sa dakinhar li deher l-ammont ta’ Lm275,000, apparti Lm25,000 imhallsin separatament lil Catherine Seager, li l-konvenut kien ftiehem li jdahhal wahdu l-ammont imsemmi mill-atturi. Meta l-atturi gew, b’kumbinazzjoni, a konoxxenza ta’ dan il-pagament massicc min-naha tas-socjeta` kompratrici u rrinfaccjaw bir-ricevuta u kitba ohra relattiva ghal dan il-pagament lill-konvenut, dan ghall-ewwel instaram u beda jichad li kien ha xi flus apparti. Kien biss in segwitu li bdiet “tevolvi” it-tezi ta’ kumpens ghal fini ta’ zgumbrament mill-fond

mibjugh. Hu minnu li l-konvenut Joseph Schembri kellu pussess materjali fuq parti mill-ambjenti mibjugha imma ma rrizulta xejn konkret dwar xi jeddijiet li seta' akkwista jew kellu Joseph Schembri li jiggustifika pagament sostanzjali bhal dak li fil-fatt ircieva. U li kieku tassew dan kien il-kaz, ghall-grazzja tal-argument, x'kellu ghalfejn ihalli dan kollu "mistur" mill-bqija ta' hutu? X'kienet ir-raguni vera ghall-fatt li huwa nstaram meta gie rinfaccjat minn hutu bil-fatt kompjut? Huwa veru li kien hu li ndahal mal-kompraturi biex jigu kondotti n-negozjati ghal fini ta' bejgh, imma dan kien ukoll ifisser li dak li kien qieghed jinnegozja Joseph Schembri kien ukoll f'isem u ghal vantagg ta' hutu l-ohrajn u certament ma kien qatt intitolat illi minn wara darhom u a detriment ghalihom, jiftiehem li jithallas dak l-ammont wahdu dwar beni li kienu jappartjenu lilu daqs kemm kienu jappartjenu lil hutu l-ohra. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi dak li ddecidiet l-ewwel Qorti dwar l-ammont ta' Lm100,000 kien gust u korrett. Isegwi li anke l-ahhar aggravju huwa nfondat u qieghed jigi respint.

## Dwar l-Appell Inicidentali

14.1 L-appell incidentali tal-atturi kollha huwa cirkoskritt u limitat ghat-talba taghhom (ara l-att tac-citazzjoni promotrici) ghal hlas ta' interessi legali mill-20 ta' Novembru 1999. L-ewwel Qorti ma tipprovdi xejn dwar din it-talba. Wiehed ghandu jipprezumi ghalhekk li skond is-sentenza tal-ewwel Qorti, l-interessi kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza, jigifieri mid-data tal-20 ta' Jannar 2007. Tajjeb li jigi pprecizat li l-att tac-citazzjoni gie pprezentat fis-27 ta' Frar 2002. L-atturi appellati jikkontendu li l-interessi legali kellhom jibdew jiddekorru meta kellha tigi ppercepita u deciza s-somma ta' Lm100,000 u l-istess jghodd ghaz-zewg ammonti ta' Lm4,166.00 li baqghu ma thallsux bhala parti mis-sehem reali dovut.

14.2 Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, hija tal-fehma li l-appell incidentali ghandu jintlaqa' limitatament pero` ghas-sottomissjoni in subsidium tal-atturi, li huma jikkwalifikaw bhala "l-aghar

ipotesi", jigifieri dik li ta' lanqas l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data "tas-sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju" – skond l-Art. 1141(2) tal-Kodici Civili. Ghandu jinghad li l-atturi kienu specifici u ezatti dwar l-ammonti "in ballo" u ghalhekk hawn mhux il-kaz ta' ammont "da liquidarsi" jew ammont indeterminat, jew ammont li gie varjat minn kif gie mitlub fl-att tac-citazzjoni. L-atturi, min-naha l-ohra, jidher li hadu z-zmien taghhom biex jiddeducu l-pretensjoni taghhom b'mod gudizzjarju kontra l-konvenuti appellanti. Kwindi jkun gust u xieraq li jkunu dovuti interessi legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, jigifieri mid-data tas-27 ta' Frar 2002 sal-hlas effettiv.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu, u tirriforma biss il-parti dwar id-data minn meta ghandhom jibdew jiddekorru l-imghaxijiet legali, tichad ghalhekk l-appell prinicipali interpost mill-konvenuti, tilqa' l-appell incidentali fir-rigward tal-hlas tal-interessi legali, u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti appellanti jhallsu s-somma ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000), ekwivalenti llum ghal sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€46,587.47c) lil kull wahda mill-appellati, kif ukoll ihallsu lil kull wahda mill-istess appellati ammont iehor ta' erbat elef, mija, sitta u sittin Lira Maltin (Lm4,166) ekwivalenti llum ghal disat elef, sebgha mija u erba' Ewro u sbatax-il centezmu (€9,704.17c) bl-interessi legali fuq dawna z-zewg ammonti mis-27 ta' Frar 2002 sal-pagament effettiv.

Il-kap tal-ispejjez kwantu ghaz-zewg istanzi jithallas interament mill konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------